ALTERNATTIVA
DEMOKRATIKA
- THE GREEN PARTY -
www.alternattiva.org.mt

# Proposti ta' Alternattiva Demokratika dwar Riforma fis-Sistema Elettorali

**17 ta' Settembru 2008**

**Proposti ta' Alternattiva Demokratika**
**dwar**
**Riforma fis-Sistema Elettorali**

1. Ir-riforma elettorali meħieġa mhux ikkumplikata jekk tkun limitata għal dak li hu essenzjali.

2. Hemm bżonn emenda waħda li, kuntrarju għal dak li jipprovdi illum l-artiklu 52 tal-Kostituzzjoni, jistabilixxi li l-proporzjonalita hi dritt għall-partiti kollha, soġġett għal threshold raġjonevoli. Il-bqija tas-sistema tibqa' mhux mittiefsa b'mod li jinħoloq *double threshold* : it-*threshold* eżistenti ta' 16.66% f'kull distrett elettorali għandu jibqa'. Miegħu jiżdied *threshold* nazzjonali kif imfisser iktar 'l isfel.

3. Li huwa importanti iżda m'huwiex biss il-*quantum* tat-*threshold*, iżda l-effetti tiegħu.

4. Idealment ikun hemm proporzjonalita stretta. AD iżda b'responsabbilta' u biex tkun assigurata ukoll il-governabilita qed tipproponi *threshold* li l-uniku skop tiegħu jkun li jiddefinixxi il-punt li partit politiku f'elezzjoni ġenerali jkollu dritt li jipparteċipa fl-eżerċizzju ta' proporzjonalita. Fi ftit kliem jekk fl-ewwel għadd partit jaqbeż dan it-*threshold* ikollu dritt li wara li jkun konkluż l-għadd tal-voti kollha jingħatawlu numru ta' siġġijiet parlamentari a proporzjon tal-voti miksuba fl-ewwel għadd.

5. Il-proposta ta' AD hi li t-*threshold* sabiex partit politiku jipparteċipa fl-eżerċizzju ta' ridistribuzzjoni ta' siġġijiet parlamentari biex tkun ristawrata (jekk meħtieġ) il-proporzjonalita bejn il-voti totali miksuba fl-ewwel għadd f'Malta u Għawdex u l-Membri Parlamentari eletti mill-partiti jkun ta' żewġ kwoti, jiġifieri madwar 2.5% tal-voti (fil-fatt 2.564% tal-voti validi).

6. Jekk partit ma jiksibx total ta' żewġ kwoti ma jkunx intitolat li jieħu sehem fl-eżerċizzju tar-ridistribuzzjoni iżda l-voti li jikseb jibqgħu fuq il-kandidati tiegħu sakemm dawn ikunu eletti jew eliminati skond ir-regoli normali tas-sistema elettorali Maltija.

7. AD qed tipproponi ukoll li l-wirt ta' voti bejn partit politiku u ieħor ma jkunx permissibli fil-kaz ta' *bye-election*. B'dan il-mod ikun evitat li bilanċ milħuq bħala riżultat tal-voti fl-ewwel għadd fl-elezzjoni ġenerali jkun skwilibrat b'*bye-election* li possibilment (avolja b'mod remot) tista' tibdel il-partit li jkun rebaħ is-siġġu parlamentari oriġinali. B'hekk ikun aċċertat li dak li jkun determinat fl-elezzjoni ġenerali ma jitħarbatx b'elezzjoni każwali.